**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 243**
**L-Erbgħa, 15 ta' Mejju, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17922. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 243
15/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17923. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll tipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 243
15/05/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17924. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
It-tweġiba turi n-nefqa minn Jannar 2024 'l hemm.

Seduta 243
15/05/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17925. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża li saret bejn Jannar u April ta' din is-sena qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 243
15/05/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17926. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li ma kien hemm l-ebda infieq fuq gazzetti mill-Ministeru jew mill-entitajiet tiegħu.

Seduta 243
15/05/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17927. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura minn Jannar 2024 sat-3 ta' Mejju 2024.

Seduta 243
15/05/2024

**SPTAR MATER DEI - IĊĊEKKJAR TA STOCKS TAL-MEDIĊINA - MARZU 2024**

**18382. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba matul ix-xahar ta' Marzu 2024, l-ispiżjara tal-Isptar Mater Dei żaru l-wards biex jiċċekkjaw l-istocks tal-mediċina u jekk kenux se jiskadu jew le?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 243
15/05/2024

**SEJĦA PUBBLIKA GĦAL INGAĠĠ MAL-GVERN**

**18383. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jipproduċi lista ta' job titles u karigi, flimkien mal-ammont f'kull kariga, li kienu mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u li nħarġet sejħa pubblika biex jiġu ingaġġati mal-Gvern?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 243
15/05/2024

**SPTAR KARIN GRECH - INGAĠĠ TA' CLERKS U SUPPORT CLERKS - KWALIFIKI**

**18384. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kwalifiki minimi biex wieħed jiġi ingaġġat bħala clerk u support clerk fl-Isptar Karin Grech?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li s-sejħiet tal-General Service li jinkludu skrivana huma dawk stabbilit mill-ftehim settorali bejn il-Gvern u żewġ unions konċernati.

Seduta 243
15/05/2024

**SPTAR KARIN GRECH - CLERKS U SUPPORT CLERKS – JOB DESCRIPTION**

**18385. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-job description ta' clerk u support clerk fl-Isptar Karin Grech?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18384.

Seduta 243
15/05/2024

**SPTAR KARIN GRECH - PHYSIOTHERAPISTS U OCCUPATIONAL THERAPISTS**

**18386. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm suppost hemm physiotherapists u occupational therapists, rispettivament, fl-Isptar Karin Grech? Jista' jgħid ukoll kemm hemm preżentament, physiotherapists u occupational therapists rispettivament, fl-Isptar Karin Grech u kemm minn dawn huma assenjati mal-ward RW6 fl-istess sptar?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li skont il-'Capacity Building Plan' tal-2024, fil-Karin Grech Rehabilitation Hospital għandu jkun hemm 24 occupational therapists u 26 fiżjoterapisti.
Infurmat li preżentament hemm 16-il occupational therapists u 24 fiżjoterapisti. Madankollu dan in-numru jvarja skont iċ-ċaqliq meħtieg tal-istaff.
Infurmat li fis-sala RW6, li hija sala fejn il-pazjenti jkunu lestew ir-rijabilitazzjoni tagħhom u jkunu qed jistennew biex imorru ġewwa nursing home, hemm assenjati occupational therapists u fiżjoterapisti fuq bażi ta' 'overtime', jiġifieri jkun hemm servizz fejn dawn il-professjonisti jidħlu wara l-ħin tagħhom tax-xogħol. Bħalissa għandna 4 occupational therapists li joffru is-servizz tliet darbiet fil-ġimgħa u żewġ fiżjoterapisti li joffru s-servizz kuljum.

Seduta 243
15/05/2024

**OPSA**

**18387. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ilha tiffunzjona l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA)? Jista' jgħid ukoll fejn jista' jagħmel kuntatt il-pubbliku peress illi fuq il-website (https://anzjanitaattiva.gov.mt/public-bodies/awtorita-ta-standards-ta-persuni-anzjani-opsa/) sakemm qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari, m'hemm l-ebda informazzjoni dwar kif wieħed jista' jagħmel kuntatt jew xi tip ta' informazzjoni dwar din l-Awtorità?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Istandards għall- Persuni Anzjani (OPSA) ilha tiffunzjona mil-1 ta' Jannar 2024 u l-pubbliku jista' jagħmel kunttat permezz ta' wieħed minn dawn l-mezzi:

- Free Phone: +356 8000 2002
- Email: feedback.opsa@gov.mt
- Facebook: https://www.facebook.com/opsamt
- Instagram: https://www.instagram.com/opsa_malta/

Seduta 243
15/05/2024

**AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI**

**18968. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11368 u jgħid kemm ingħataw akkomodazzjonijiet soċjali, xahar b'xahar, matul is-snin 2022 u 2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2022 sat-30 t'April 2024, l-Awtorita' tad-Djar iffirmat 852 kuntratt ta' kirja mal-inkwilini.

Seduta 243
15/05/2024

**TQASSIM TA' POSTIJIET MIBNIJA ĠODDA**

**18969. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11394 u jgħid kemm tqassmu postijiet mibnija ġodda matul is-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li tiġi fiha mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11394.

Seduta 243
15/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**18970. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12038 u jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

30/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma l-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 243
15/05/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**18971. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 12040 u tgħid kemm nefqet flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista tgħid jekk bagħtitx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Tista' tgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

30/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u se titwieġeb f'xi seduta oħra.

15/05/2024

**CVA – DĦUL**

**18972. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7753 u jgħid x'kien id-dħul tal-operatur tas-CVA mill-2013 sal-lum? Kemm kien id-dħul tal-Gvern minn dan l-ammont?

30/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-dħul tal-opertur tas-CVA minn Jannar 2013 sal-aħħar pagament li sar f'Diċembru 2023 kien ta' €24,317,912.51. Filwaqt li d-dħul tal-Gvern minn Jannar 2013 sa April 2024 kien ta' €10,454,290.64.

Seduta 243
15/05/2024

**INFRASTRUCTURE MALTA – ĦLAS GĦAL BOLLARDS FI TRIQ IL-KBIRA FIL-MOSTA**

**18973. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10792 u jgħid kemm kienet l-ispiża li ħallset Infrastructure Malta għall-bollards tal-irħam li tqiegħdu fil-Mosta f'partijiet differenti ta' Triq il-Kbira?

30/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.
Seduta 243
15/05/2024

**IX-XGĦAJRA - LIBRERIJA PUBBLIKA – XIRI TA' KOTBA ĠODDA**

**19095. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika tax-Xgħajra matul din is-sena sal-aħħar ta' April 2024? Jista' jgħid kemm kien hemm infiq għall-istess xiri ta' kotba ġodda, kif ukoll kemm kien hemm donazzjonijiet? Jista' jgħid ukoll kemm kienu bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż?

03/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:**

| PQ Numru | Lokalità | Kotba mixtrija ġodda – Jan sa April 2024 | Infiq fuq kotba fiżiċi ġodda – Jan sa April 2024 | Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – Jan sa April 2024 | Kotba Bil-Malti | Kotba bl-Ingliż | Kotba bit-Taljan | Kotba bil-Franċiż |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **19095** | Ix-Xgħajra | 9 | € 30 | 35 | 37 | 7 | Xejn | Xejn |

Seduta 243
15/05/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAULE - WARD KRISTU RE - WALL MOUNTED OXYGEN**

**19127. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex fil-Ward Kristu Re fil-Faċilità San Vinċenz De Paule jiġi installat wall mounted oxygen?

06/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19126.

Seduta 243
15/05/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAULE - WARD KRISTU RE - WALL MOUNTED OXYGEN**

**19128. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'qed jintuża minflok wall mounted oxygen fil-Ward Kristu Re fil-Faċilità San Vinċenz De Paule?

06/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li qed jintużaw oxygen concentrators u oxygen cylinders.

Seduta 243
15/05/2024

**FAĊILITÀ SAN VINĊENZ DE PAULE - WARD KRISTU RE - WALL MOUNTED OXYGEN**

**19129. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ma ġiex installat wall mounted oxygen fil-Ward Kristu Re fil-Faċilità San Vinċenz De Paule meta din il-ward għadha kif kellha rinnovazzjoni sħiħa?

06/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19126.

Seduta 243
15/05/2024

**ĦAL BALZAN - KLINIKA TAS-SAĦĦA PUBBLIKA**

**19130. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Klinika tas-Saħħa Pubblika f'Ħal Balzan għadhiex isservi lill-poplu?

06/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15790

Seduta 243
15/05/2024

**ĦAL BALZAN - KLINIKA TAS-SAĦĦA PUBBLIKA**

**19131. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fejn jistgħu jmorru r-residenti ta' Ħal Balzan biex jinqdew fi Klinika tas-Saħħa Pubblika?

06/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15790.

Seduta 243
15/05/2024

**ĦAL BALZAN - KLINIKA TAS-SAĦĦA PUBBLIKA**

**19132. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta hemm il-ħsieb li l-Klinika tas-Saħħa Pubblika f'Ħal Balzan terġa' tinfetaħ?

06/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15790.

Seduta 243
15/05/2024

**MCAST MALTA – STUDENTI GĦAWDXIN**

**19145. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti Għawdxin li attendew kors fl-MCAST ta' Malta, sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul dawn l-aħħar 10 snin attendew total ta' 2,164 student Għawdxi fl-MCAST ta' Malta.

Seduta 243
15/05/2024

**STUDENTI B'LEARNING DISABILITIES**

**19146. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti b'learning disabilities lestew l-iskola sekondarja u komplew għal post-secondary? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin u maqsuma skont: dyslexia, dyscalculia, dysgraphia, attention deficit hyperactivity disorder (ADHD), developmental coordination disorder (DCD), developmental language disorder (DLD)?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tali nformazzjoni hi ta' natura sensittiva. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellanta li jekk qed tirreferi għal statement of needs, dan il-proċess hu wieħed kontinwu u rigoruż.

Seduta 243
15/05/2024

**STUDENTI B'LEARNING DISABILITIES**

**19147. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti b'learning disabilities komplew għal MCAST, Università jew istituzzjoni edukattiva oħra u jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin u maqsuma skont:
dyslexia, dyscalculia, dysgraphia, attention deficit hyperactivity disorder (ADHD), developmental coordination disorder (DCD), developmental language disorder (DLD)?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19146.

Seduta 243
15/05/2024

**IL-FGURA - TRIQ IL-LIEDNA - XOGĦLIJIET**

**19163. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għaliex Triq il-Liedna fil-Fgura, li ftit xhur ilu sar ir-rikostruzzjoni tagħha, qed terġa' tinqala (jitqatta' gandott)?

07/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 243
15/05/2024

**TAXIS IPPARKJATI - ĊITAZZJONIJIET**

**19164. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid min jista' jagħti ċitazzjoni lil taxis li jkunu pparkjati fit-triq għal tul ta' ħin? Jista' jgħid ukoll x'għandu jagħmel resident sabiex jirraporta tali abbuż?

07/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Pulizija flimkien mal-Awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħtu ċitazzjonijiet meta jkun hemm ksur tar-regolamenti, inkluż parkeġġ minn sidien jew xufiera ta' vetturi żgħar għal ġarr ta' passiġġieri u ta' Taxis bojod. Ir-resident jista' jċempel, jibgħat email jew juża' l-mezzi soċjali sabiex jirrapporta kull abbuż.

Seduta 243
15/05/2024

**BORD GĦAS-SOLUZZJONI TA' TILWIM GĦAL NETWORKS DWAR L-UTILITAJIET - MEMBRI**

**19205. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16388, jista' l-Ministru jgħid jekk sarx xi progress fir-rigward tal-ħatra tal-membri tal-Bord għas-Soluzzjoni ta' Tilwim għal Networks dwar l-Utilitajiet, tenut kont li diġà saru diversi mistoqsijiet matul is-snin, proprju dwar dan is-suġġett?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 243
15/05/2024

**KUMPILAZZJONI 382/24**

**19213. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Fid-dawl tal-akkużi kriminali li ħarġu permezz tal-Kumpilazzjoni 382/24 datata 6 ta' Mejju 2024, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni li ssemmew fil-kumpilazzjoni li skont il-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità Maltija għal-Logħob (MGA) għadhom meqjusa bħala fit and proper?

09/05/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li l-Bord tad-Diretturi ta' l-Awtorità msemmija m'għandux il-funzjoni li qed jirreferi għaliha l-Onor. Interpellant.

Seduta 243
15/05/2024

**KUMPILAZZJONI 382/24**

**19214. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Fid-dawl tal-akkużi kriminali li ħarġu permezz tal-Kumpilazzjoni 382/24 datata 6 ta' Mejju 2024, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni li qabel dawn l-akkużi, skont il-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità Maltija għal-Logħob (MGA) ma kenux meqjusa bħala fit and proper?

09/05/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 19213.

Seduta 243
15/05/2024

**PASSAPORT DIPLOMATIKU**

**19215. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Prim Ministru: Fid-dawl li l-akkużi kriminali li ħarġu permezz ta' Kumpilazzjoni 382/24 datati 6 ta' Mejju 2024, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hemmx persuni msemmija f'din il-kumpilazzjoni li għandhom passaport diplomatiku? Jekk iva, min huma u meta se jitneħħielhom tali passaport?

09/05/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19245.

Seduta 243
15/05/2024

**PASSAPORT DIPLOMATIKU**

**19216. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Fid-dawl li l-akkużi kriminali li ħarġu permezz tal-Kumpilazzjoni 382/24 datati 6 ta' Mejju 2024, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni msemmija f'din il-kumpilazzjoni li għandhom passaport diplomatiku? Jekk iva, min huma u meta se jitneħħielhom tali passaport?

09/05/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19245

Seduta 243
15/05/2024

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES**

**19217. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13187, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19054 u jagħti l-informazzjoni u jinkludi l-għamla, il-mudell u s-sena tal-manifattura tal-vetturi bil-'GY' u 'LY' plates elenkati fl-istess tweġiba?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninsab infurmat li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, tinqabeż l-*advisory cost limit*.

Seduta 243
15/05/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ SAN BASTJAN - INĊIDENTI**

**19218. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl li seħħew diversi inċidenti f'parti minn Triq San Bastjan, inkluż inċident li seħħ fil-jiem li għaddew (ritratti annessi), jista' l-Ministru jgħid x'se jkun qed isir biex din il-parti tat-triq ma tibqax tiżloq u għaldaqstant tkun ta' inqas periklu għas-sewwieqa u r-residenti?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 243
15/05/2024

**TRIQ LI TWASSAL GĦALL-BAJJA TAL-ĦONDOQ - XOGĦLIJIET**

**19220. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 3651 u 7574 li ngħataw fl-14 ta' Novembru 2022 u fis-17 ta' April 2023 rispettivament, dwar x'qed isir fil-parti tat-triq li twassal għall-Bajja tal-Ħondoq li bdiet tisfronda, peress li din it-triq kien sar xogħol fuqha fi żmien il-Ministru preċedenti iżda ftit wara bdiet tisfronda, fejn ġie mwieġeb li x-xogħlijiet huma ppjanati li jsiru ladarba jiġi pproċessat it-tender, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender ġiex ipproċessat u jindika meta, bejn wieħed u ieħor, hu maħsub li jibda x-xogħol meħtieġ fuq l-imsemmija triq, x'se jkun jikkonsisti x-xogħol u kemm hu stmat li se jiġi jiswa?

09/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sejħa għall-offerti bħalissa qegħda tiġi ivettjata mill-Procurement Unit.

Seduta 243
15/05/2024

**STUDENTI TAL-KINDER U PRIMARJA / GĦALLIEMA / LSES / KGAS**

**19221. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti tal-Kinder u tal-primarja, maqsuma separatament, għal kull skola, kemm dawk tal-Gvern, tal-Knisja kif ukoll dawk Indipendenti, fl-aħħar ta' April 2024 u kemm minn dawn kienu ta' nazzjonalità barranija? Jista' jgħid ukoll kemm kien in-numru ta' għalliema f'kull skola primarja kif ukoll in-numru ta' LSEs u KGAs f'kull skola?

09/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 243
15/05/2024

**IX-XEWKIJA, GĦAWDEX - TRIQ TA' ĦAMET - ZEBRA CROSSING**

**19222. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għaliex għaddew diversi xhur u fi Triq Ta' Ħamet, ix-Xewkija (it-triq prinċipali ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu) għadha ma saritx zebra crossing kif kien hemm qabel ma' din it-triq ġiet asfaltata? Fid-dawl li dan in-nuqqas serju issa ilu diversi xhur u hemm periklu kbir għal min irid jaqsam f'din l-imsemmija triq, jista' l-Ministru jgħid min min-naħa tal-Ministeru ser jerfa' r-responsabbiltà jekk iseħħ inċident?

09/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li l-Ministeru qed jaħdem sabiex terġa ssir zebra crossing f'dik it-triq sabiex issir skont l-istandards.

Seduta 243
15/05/2024

**SPEED CAMERAS – IKKALIBRAR**

**19229. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-frekwenza tal-ikkalibrar ta' Speed Cameras f'pajjiżna?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 243
15/05/2024

**TAL-LINJA CARD**

**19230. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm hawn Tal-Linja Cards irreġistrati fuq ċittadini Maltin u Tal-Linja Cards irreġistrati fuq persuni barranin?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 243
15/05/2024

**AUTOBUSES DE LEON**

**19231. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa lill-Gvern Malti biex it-trasport publiku jiġi operat minn Autobuses de Leon f'termini ta' konċessjonijiet, sussidji, ħlas għal trasport b'xejn, eċċ, sena b'sena u konsegwentament kemm kien il-patrunaġġ kull sena mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15889.

L-informazzjoni dwar il-patrunaġġ mill-2015 qiegħda tiġi provduta fit-tabella segwenti:

| Sena | Patrunaġġ |
|---|---|
| 2015 | 42,160,228 |
| 2016 | 43,253,238 |
| 2017 | 48,053,045 |
| 2018 | 53,467,404 |
| 2019 | 57,409,385 |
| 2020 | 33,776,664 |
| 2021 | 35,207,174 |
| 2022 | 49,222,424 |
| 2023 | 67,241,760 |

Seduta 243
15/05/2024

**TRASPORT PUBBLIKU – KAROZZI TAL-LINJA DISPONIBBLI**

**19232. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hawn karozzi tal-linja disponibbli biex jipprovdu t-trasport pubbliku, sena b'sena, mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qiegħda tingħata fit-tabella segwenti:

| Sena | Karozzi tal-Linja |
|---|---|
| 2015 | 408 |
| 2016 | 405 |
| 2017 | 416 |
| 2018 | 417 |
| 2019 | 425 |
| 2020 | 428 |
| 2021 | 418 |
| 2022 | 429 |
| 2023 | 460 |
| 2024 | 490 |

Seduta 243
15/05/2024

**TRASPORT PUBBLIKU – METRO**

**19233. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għadux bil-ħsieb li jintroduċi l-Metro bħala trasport tal-massa f'pajjiżna? Jekk fl-affermattiv, hemm indikazzjoni meta jista' jibda x-xogħol relatat u meta dan is-servizz ikun jista' jibda jidħol fis-seħħ?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f' dan l istadju il-Gvern għadu qed jevalwa l'aħjar sistema għal trasport tal-massa.

Seduta 243
15/05/2024

**TRASPORT PUBBLIKU – DEDICATED LANES**

**19234. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux minnu li hemm il-ħsieb li jiġu introdotti dedicated lanes biex minnhom ikun jista' jgħaddi s-servizz tat-trasport pubbliku biex dan is-servizz ikun aktar effiċjenti u affidabbli, u b'hekk aktar persuni jitħajru jużaw dan il-mezz tat-trasport alternattiv għal karozza privata?

09/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità qiegħda tevalwa kull miżura possibli sabiex tkun tista' twettaq pjan ħolistiku biex aktar persuni jitħajru jużaw it-trasport pubbliku u mezzi oħra tat-trasport alternattiv.

Seduta 243
15/05/2024

**BCA – ĦRUĠ TA’ PERMESSI/CONCESSIONS**

**19258. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) ħarġitx permessi/concessions biex isir xogħol ta' twaqqigħ, skavar, bini eċċ., billejl matul is-sena 2024 fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? Jekk iva, jista' jgħid meta ħarġu l-permessi/concessions, fejn inħarġu l-permessi/concessions, f'liema ġranet u ħinijiet inħareġ kull wieħed minn dawn il-permessi/concessions, għal liema xogħol inħareġ il-permess u x'kienet ir-raġuni li dan ix-xogħol sar billejl u mhux filgħodu?

10/05/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtoritá tal-Bini u l-Kostruzzjoni ħarġet permess/konċessjoni, sabiex isir xogħol ta’ tindif ta’ materjal li rriżulta mit-twaqqiegħ ta’ bini fi Triq il-Kbira, San Pawl il-Baħar. Dan il-permess/konċessjoni ingħata għal żewġt iljieli ta’ bejn is-7 u t-8 ta’ Mejju 2024 bejn il-11:00 u l-05:00, u dan wara li kkunsidrat li diġa kienu nħarġu permessi għall-istess xogħol fl-istess ġranet u ħin minn awtoritajiet konċernati oħra.

L-Awtorità tat struzzjonijiet lill-applikant sabiex, minn jumejn qabel jitwaħħlu avviżi fil-viċinanza sabiex ikunu nfurmati l-ġirien.

Seduta 243
15/05/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – KUNSILL LOKALI – ĦRUĠ TA’ PERMESSI BILLEJL**

**19259. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ħariġx permessi għal billejl matul is-sena 2024? Jekk iva, jista' jgħid meta nħarġu l-permessi, fejn inħarġu l-permessi, f'liema ġranet u ħinijiet inħareġ kull wieħed minn dawn il-permessi, għal xiex inħareġ il-permess (tip ta' makkinarju, għeluq ta' triq eċċ.) u x'kienet ir-raġuni li l-permess ħareġ għal billejl?

10/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba u mgħoddija lili.

Seduta 243
15/05/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRANSPORT MALTA – ĦRUĠ TA’ PERMESSI BILLEJL**

**19260. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta ħarġitx permessi, inkluż għal għeluq ta' toroq billejl, matul is-sena 2024 fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? Jekk iva, jista' jgħid meta nħarġu l-permessi, fejn inħarġu l-permessi, f'liema ġranet u ħinijiet inħareġ kull wieħed minn dawn il-permessi, għal liema xogħol inħareġ il-permess u x'kienet ir-raġuni li dan ix-xogħol sar billejl u mhux filgħodu?

10/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta’ permessi li ħarġu sad-data ta’ llum għal xogħolijiet f’toroq fil-lokalità ta’ San Pawl il-Baħar. Rigward ġranet u ħinijiet li jkun qed isir ix-xogħol, dawn jiġu determinati għal kull każ separat u skont il-ħtiġijiet partikolari sabiex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha inkluż dawk tal-immaniġġjar tat-traffiku.

Seduta 243
15/05/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – PULIZIJA – ILMENTI DWAR STORBJU EĊĊESSIV BILLEJL**

**19261. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pulizija rċevietx ilmenti minħabba storbju eċċessiv u/jew xogħol li kien qed isir billejl fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Mejju 2024 u fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Mejju 2024? Jekk iva, jista' jgħid fiex kienu jikkonsistu dawn l-ilmenti u x'azzjoni ttieħdet?

10/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fit-8 ta' Mejju 2024, l-pulizija tal-Qawra rċeviet ilmenti dwar storbju eċċessiv u/jew xogħol li kien qed isir bil-lejl fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar. Il-Pulizija proċediet fuq il-post indikat madankollu waqt li kienu hemm ma kien hemm ebda tip ta' inkonvenjent relatat mal-ilmenti li rċeviet, u jidher illi l-allegat inkonvenjent seta' sar il-lejl ta' qabel. Peress illi l-persuni li għamlu l-ilment ma kienux magħrufa ma setgħux isiru aktar verifiki jew tittieħed azzjoni oħra. Madankollu il-persuna responsabbli mix-xogħol fis-sit in-kwistjoni ġiet mitkellma u produċiet il-permessi maħruġa kemm mill-Kunsill Lokali u l-BCA li jkopru l-ħinijiet biex isir ix-xogħol, anke barra is-siegħat permissibli.

Seduta 243
15/05/2024

**TRANSPORT MALTA – RESIDENT PRIORITY PARKING**

**19262. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema lokalitajiet għandhom applikazzjoni pendenti ma' Transport Malta għal Resident Priority Parking? Għal kull lokalità, jista' jgħid liema toroq ġew inklużi fl-applikazzjoni u x'qed jiġi propost għal kull lokalità?

10/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità għaddejja b'diskussjonijiet mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li minn naħa tagħha qiegħda tieħu ħsieb tikkomunika ma' dawn il-Kunsilli Lokali li juru nteress għal sistema ta' Residential Parking Scheme.

Seduta 243
15/05/2024

**PERMESSI GĦAL TWAQQIGĦ U SKAVAR FIS-SAJF**

**19264. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' toroq għal kull lokalità fejn mhux permess isir twaqqigħ u skavar fix-xhur tas-sajf?

10/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 243
15/05/2024